MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 917/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Glenn McCarmack**
**I.D.49291(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut ghandu jigi kkundanat ihallas l-ammont ta’ elf u hamsin Ewro u sebghin centezmu (€1,050.70) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kondendenti, skond rendikonti annessi mal-Avviz ta’ talba u mmarkati bhala Dok A u Dok B.

Il-konvenut gie  nterpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, izda  baqa’ inadempjenti ghal tali talba, ghaliex l-ammont ghadu dovut sal-llum.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru *2457/10* u bl-imghax mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u hamsin Ewro u sebghin centezmu (€1,050.70) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kondendenti, skond rendikonti annessi mal-Avviz ta' talba u mmarkati bhala Dok A u Dok B.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru *2457/10* u bl-imghax mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------